**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Dorianne Tabone]**

**vs**

**-Omissis-**

**Kumpilazzjoni Numru: 172/2022**

**Illum, l-erbatax (14) ta' Ottubru 2024**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **-Omissis-** detentur tal-karta tal-identità -Omissis- akkuzat talli fix-xahar ta' April 2022 u matul ix-xhur ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin

minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

1. **Ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taht is-sittax - il sena u cioe' -Omissis- mwielda fl--Omissis- u detentrici tal-karta tal-identita -Omissis-;**
   **Art. 204C ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda netta;

Rat l-ezami tal-imputat fil-prezentata fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Settembru, 2023 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija fil-konfront ta' -Omissis- u cioè:-

1. Fl-artikoli 17, 31 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 204C tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 382, 383, 384 u 385 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikolu 412C u 412D tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju.

IKKUNSIDRAT

Illi xehdet l-Ispettur Dorianne Tabone li pprezentat il-fedina penali tal-imputat, certifikat tat-twelid ta' -Omissis-, stqarrijiet, dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghall-assistenza legali u referral. Tghid li fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar tas-sena 2022 irceviet

rapport minghand ic-Child Protection Services fejn qalulha li kien hemm minuri li kienet ghadha kif welldet tarbija bl-isem ta' -Omissis- u stante li ma setghux jikkuntattjaw lill-missier il-kaz gie riferut lilha. Tghid li hi flimkien mal-kollegi taghha kienu kellmu lill-vittma minuri -Omissis- gewwa d-Depot fil-prezenza ta' ommha u kienet stqarret maghhom li kellha erbatax (14)-il sena meta dahhlet f'relazzjoni mal-akkuzat -Omissis- u kienet harget tqila.

Tkompli tixhed li l-vittma minuri infurmatha li l-akkuzat kien ghadu prezenti fil-hajja tat-tarbija minkejja li r-relazzjoni ntemmet. Izzid tghid li gie mitkellem l-akkuzat fit-tmienja (8) ta' Marzu 2022 fejn wara li nghata d-dritt tieghu ghall-assistenza legali hu rrifjuta tali dritt billi ffirma dikjarazzjoni. Tixhed li fl-istqarrija tieghu ammetta li kellu relazzjoni sesswali mal-vittma minuri u li t-tarbija kienet tieghu. Izzid tghid li wara li nfurmawh li ser tittiehed azzjoni kontriha kienu rcevew referral iehor minghand ic-Child Protection Services li -Omissis- kienet regghet inqabdet tqila mill-akkuzat u stante dan regghu kellmu lill-akkuzat fil-hmistax (15) ta' Mejju 2022. Izzid tghid li l-akkuzat -Omissis- rega' nghata d-drittijiet tieghu u li ghal darb'ohra rega' rrifjuta tali

drittijiet u ammetta maghhom li -Omissis- kienet qieghda tistenna tarbija minn tieghu. Ammetta wkoll maghhom li hu u hi kienu regghu dahhlu f'relazzjoni. Tghid li oltre minn hekk l-akkuzat ikkopera mal-Pulizija f'din l-investigazzjoni.

Xehdet <u>**Ingrid Azzopardi**</u> li kienet tahdem fi hdan ic-Child Protection Services li tghid li kienet giet involuta fil-kaz *de quo* meta -Omissis- inqabdet tqila u kienet taht l-età tal-kunsens. Izzid tghid li saret taf bil-kaz stante li giet infurmata mill-isptar. Tixhed li minn hemm twettqet assessment min-naha taghha. Izzid tghid ukoll li l-iktar inkwiet li kellha kien il-fatt li -Omissis- kienet minuri u li l-informazzjoni fuq il-missier kienet wahda minima apparti l-fatt ukoll li kien jaghmel uzu mill-kannabis u li r-relazzjoni ta' bejniethom intemmet. Tghid li isem il-missier huwa -Omissis-.

Tkompli tixhed li saru diversi home visits ghand omm il-vittma minuri u deher li l-istess vittma minuri kellha support mill-membri familjari. Izzid tghid li nkwiet iehor li kellha kien il-fatt li l-istess -Omissis- ma kinitx qieghda tahdem allura kien hemm dubji dwar kemm tista' tlahhaq mal-ispejjez ta' tarbija. Tghid li madwar

hames (5) jew sitt (6) xhur wara li twieldet l-ewwel tarbija -Omissis- regghet inqabdet tqila u ghalhekk minn hemmhekk ghajtet kemm lil -Omissis- kif ukoll lill-akkuzat gewwa l-ufficcju taghha. Tghid li hemmhekk deher bic-car li r-relazzjoni taghhom regghet bdiet u dan bil-hsieb li jibqghu flimkien. Tixhed li sal-gurnata tal-lum kemm l-akkuzat kif ukoll il-vittma minuri ghadhom flimkien.

Tikkonkludi billi tghid li min-naha ta' -Omissis- uriet iktar minn darba li kienet kapaci trabbi t-tfal filwaqt li l-akkuzat deher motivat li jsib l-impjieg halli jkun jista' jmantni kemm lit-trabi kif ukoll lill-vittma minuri.

Regghet xehdet <u>l-Ispettur Dorianne Tabone</u> li pprezentat ic-certifikat tat-twelid ta' -Omissis- li twieled fit--Omissis-.

Xehdet il-parte civile **<u>-Omissis-</u>** li tghid li ghandha sbatax (17)-il sena u li l-akkuzat -Omissis- huwa l-gharus taghha. Tixhed li ilhom flimkien ghal madwar sentejn u nofs u li sejrin tajjeb flimkien. Izzid tghid li ghandha zewgt (2) itfal minn mieghu, wiehed ta' sena u hames xhur u l-iehor ta' hames (5) xhur. Tkompli tghid

li hija qieghda mal-akkuzat minn jeddha u ma gietx kostretta li tidhol f'relazzjoni mieghu. Tghid ukoll li tixtieq li tibqa' mieghu u li tkompli hajja familjari mieghu. Izzid tghid li huma ghandhom pjanijiet ghall-futur.

Xehdet **-Omissis-** li tghid li ghandha zewgt (2) itfal bl-ismijiet ta' -Omissis- u -Omissis-. Tixhed li -Omissis- ghandha sbatax (17)-il sena u li qieghda f'relazzjoni mal-akkuzat -Omissis-. Izzid tghid li ilhom f'relazzjoni ghal iktar minn sentejn u li llum il-gurnata twieldu zewgt (2) itfal minn din l-istess relazzjoni bl-ismijiet ta' -Omissis- u -Omissis-.

## IKKUNSIDRAT

Illi l-imputat -Omissis- qed jigi akkuzat taht l-Artikolu 204C (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

> *"Kull min jippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax-il sena jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn hames snin sa ghaxar snin".*

Imbaghad is-subinciz (3) tal-istess Artikolu jipprovdi s-segwenti:-

> *"Meta l-ghemil ikun kunsenswali bejn il-pari, li jkunu qrib fl-età u fil-livell ta' zvilupp u sa fejn l-atti ma jkunux jinvolvu abbuz fiziku u, jew psikologiku, il-piena ghandha titnaqqas bi grad jew zewg gradi."*

Illi f'dan il-kaz m'hemmx dubju li l-att sesswali bejn l-imputat -Omissis- u l-minuri -Omissis- kien wiehed kunsenswali u minghajr abbuz fiziku jew psikologiku.

Illi jidher mic-certifikat tat-twelid (Dok DT2) esebit fl-atti l-imputat kellu dsatax (19)-il sena mentri mill-akkuza stess a fol. 1 tal-atti processwali l-minuri -Omissis- kellha sittax (16)-il sena meta sehh l-allegat reat. Illi ghalhekk bejn l-imputat u -Omissis- kien hemm differenza ta' tliet (3) snin biss.

Illi gialdarba z-zewg partijiet involuti f'dawn l-atti kkonfermaw li sar l-att sesswali bil-kunsens, l-età ta' bejniethom kienet qrib hafna u li l-maturità rispettiva taghhom hija simili tant li ma gie riskontrat l-ebda dizabilità mentali fl-ebda miz-zewg partijiet, il-

Qorti hi sodisfatta illi s-subinciz (3) tal-Artikolu 204C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu japplika f'dan il-kaz din il-Qorti ser tapplikah meta tkun qed tinfliggi l-piena li mhix ser tkun wahda karcerarja stante c-cirkostanzi tal-kaz.

Illi l-Qorti sejra taghmel referenza ghax-xhieda tal-minuri -Omissis- li tghid hekk rigward l-imputat:

| | |
|---|---|
| *"Magistrat:* | *Tixtiq inti. U x'tixtieq b'dawn il-proceduri? X' tixtieq inti? Qed tara lil -Omissis- hawnhekk akkuzat. Inti tixtieq li, li, li jkun akkuzat u li jehel il-habs jew jehel xi haga?* |
| *-Omissis-:* | *Le jien nixtieq li nibqghu f' daqqa u nkompli l-familja li ghandna f' daqqa."* |

Illi oltre minn hekk il-Qorti sejra taghmel referenza ghax-xhieda moghtija minn Ingrid Azzopardi li tixhet iktar dawl fuq id-dinamika tar-relazzjoni bejn l-imputat -Omissis- u l-minuri -Omissis-:

*“Xhud: Fil-verita` qisu ma kienx hemm esacc concerns fuq it-trabi fejn jidhol specjalment l-omm il-hiliet taghha wriethom mhux darba, tnejn, tlieta jigifieri fejn, minkejja l-eta` zghira taghha, sapport kellha wkoll min-naha tal-familja.* ***Min-naha tal-missier qiesu wera x-xewqa illi jfittex impjieg biex ikun jista’ jissaportja lill-omm u lit-trabi[1].*** *Allura qiesu fil-verita` min-naha taghna ma kienx hemm xi haga ma xiex naqbdu fejn il-kaz ghandu jibqa’ miftuh hlief qiesu din il-kawza fil-verita`. Qiesu hallejnih pending sakemm inkunu nafu qiesu x’ha jigri minn din il-kawza.”*

Illi ghalhekk din il-Qorti tqis li piena karcerarja ma taghmilx sens u lanqas gid ghas-sitwazzjoni li hemm ezistenti bejn il-partijiet kif ukoll ghat-tfal taghhom. Il-Qorti però tqis li l-akkuzat jista’ jitghallem minn din l-esperjenza.

[1] Emfazi ta’ din il-Qorti

Illi ghalhekk din il-Qorti ssostni u kwazi dejjem addottat it-teorija li l-gustizzja fil-kamp kriminali ghandha tkun wahda riformattiva ghall-akkuzat. Din it-teorija giet anke ppronunzjata fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **il-Pulizija vs Francis Bonnici** deciza fil-25 ta' Marzu tas-sena 1975:

> *"Din il-Qorti, minghajr bl-ebda mod ma tinsa l-htigijiet tar-ripressjoni tad-delinkwenza u tad-dixxiplina, temmen fil-probation u hi tal-fehma li f' Malta, bhal pajjizi ohra, hemm bzonn ta' izjed u mhux inqas probation u tawspika … li dan is-servizz pregjevoli … jigi amplifikat b' gusta mizura specjalment ghal dawk iz-zghazagh li ma kellhomx il-vantaggi li l-ohrajn kellhom fil-hajja."*

Illi l-istess inghad fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet **il-Pulizija vs George Zammit** deciza fl-4 ta' Frar tas-sena 1985:

> *"Kif inhu ben risaput, ghalkemm is-socjeta` tirrikjedi xi tip ta' sodisfazzjon tar-reat li jkun wettaq l-individwu, bniedem li jkun qatta' perjodu sostanzjali ta'*

*inkarcerazzjoni mhux lakemm titfghu lura fis-socjeta` biex ifendi ghal rasu: jinhtiglu diversi mezzi ta' ghajnuna, u mhux lanqas "guidance", sabiex tigi facilitate r-reintegrazzjoni tieghu fis-socjeta` u tigi assigurata r-riabilitazzjoni tieghu; ghalhekk l-importanza ta' sistema organizzat u koordinat ta' "after care"."*

Illi hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li piena karcerarja fl-ahhar mill-ahhar mhix ser taghmel gid lill-vittma -Omissis- milli terga' tikseb hajja familjari li hija wahda stabbli u normali. Illi ghalhekk dan ser ikun rifless fil-piena

<u>**Decide**</u>

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 31, 204C(1) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **-Omissis-** hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u tpoggih taht Ordni ta' Probation taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal sentejn (2) u liema Ordni ghandha tifforma parti integrali ma' din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**